MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2007

Numru 34/2005

Il-Pulizija
(Spettur Raymond Cassar)

vs

Francis Galea

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Francis Galea ta' karta ta' identita' numru 289358M, akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, fil-kwalita' tieghu personali u/jew fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' Tarcisio Galea Hotel Operators Limited u/jew tas-socjeta' Ramla Bay Resort Limited, propretarju u/jew amministratur tal-fond Ramla Bay Resort sitwata fl-area maghrufa bhala ir-Ramla tal-Bir fil-Marfa limiti tal-Mellieha, bejn l-24 ta' Marzu, 1997 u t-22 ta' Settembru, 2001, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-

istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, ikkommetta serq ta' kwantita' t'elettriku li jammonta ghal mitejn sitta u tlettin elf u sitta u tmenin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm236,086.20c), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u/jew fil-gummi tal-elettriku u/jew ikkaguna telf tal-kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku u/jew is-sigilli tieghu, u/jew xi parti minn xi apparat u/jew gummi uzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli tieghu, u cioe' arlogg tal-elettriku tal-ghamla 'Schlumberger' bin-numru tas-serje 92817264, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin Lira Maltin (Lm50) ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Stante r-rinunzja ta' l-azzjoni kriminali li twassal ghall-estinzjoni tal-azzjoni.

Stante li l-prosekuzzjoni rtirat l-akkuzi.

Tiddikjara procediment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------